MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Avviz Numru. 355/2006

**Margaret Falzon**

**vs**

**Bottega del Marmista Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-16 ta' Novembru tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas l-ammont ta' erbat elef, erba' mija u tlettax –il Lira Maltin, (LM4,413.00,0), rapprezentanti erbat elef Lira Maltin, (LM4,000.00,0), depozitu fuq irham li s-socjeta' konvenuta ma kkonsenjatx fi zmien miftiehem u d-depozitu ma giex ritornat;

2. Kif ukoll l-ammont ta’ mitejn, tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (LM233.33,0), rapprezentanti imghax mill-25 ta’ Jannar tas-sena 2006 sal-lum;

3. Kif ukoll mija u tmenin Lira Maltn, (LM180.00,0), rapprezentanti spejjez ta’ caqlieq ta’ bibien ta’ l-aluminium bl-ispejjez u l-imghax legali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta datata l-15 ta’ Jannar tas-sena 2007 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament ghandu jigi kjamat fil-kawza Alfred Falzon, illi kien il-persuna illi ordna l-fornitura tal-mekanzija in kwistjoni;

2. Illi s-socjeta’ konenuta kienet diga ghadiet pagament ta’ erbat elef Lira Maltin, (LM4,000.00,0), ghas-saldu debitament accettat permezz ta’ cekk datat 1 ta’ Novembru tas-sena 2006, liema pagament gie sussegwentement ritornat minghajr raguni valida skond il-ligi, u ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-ispejjez ta’ din il-kawza;

3. Illi l-attrici kif ukoll Alfred Falzon ghandhom jhallsu lis-socjeta’ konvenuta s-somma ta’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM175.00,0), rapprezentanti prezz ta’ merkanzija, senjatament sollijiet, ikkonsenjati lilhom fuq struzzjonijiet taghhom stess f’Awissu tas-sena 2006;

4. Illi l-ammont ta’ mija u tmenin Lira Maltin, (LM180.00,0), rapprezentati spejjez ta’ bibien tal-aluminium mhux dovut mis-socjeta’ konvenuta;

5. Illi inoltre, l-atturi jirritornaw ghodda li hija proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta u li qed tinzamm ghandhom, minkejja li nterpellati jirritornawh;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet il-provi prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fil-25 ta’ Jannar tas-sena 2006 l-attrici ordnat kwantita’ ta’ rham minghand is-socjeta’ konvenuta u effettwat depozitu ta’ erbat elef Lira Maltin, (LM4,000.00,0), in kawtela tad-drittijiet taghha fir-rigward;

2. Illi dan l-irham inxtara ghall-pavimentar ta’ l-appartament ta’ l-attrici u t-tqeghid ta’ dan l-irham kellu jibda fit-tieni jew it-tielet gimgha t’April tas-sena 2006;

3. Illi meta wasal iz-zmien pattwit ghall-bidu ta’ l-esekuzzjoni ta’ l-appalt in dizamina mhux biss lanqas kien beda x-xoghol izda l-irham mixtri lanqas biss kien ghadu gie kkonsenjat;

4. Illi wara li zewgt l-attrici ivverifika fuq dan id-dewmien kien infurmat li ghalkemm l-irham kien effettivament Malta, kien ghad jonqsu jitqatta’;

5. Illi in vista ta’ din ic-cirkostanza l-partijiet qabblu li x-xoghlijiet involuti kellhom allura jibdew fis-17 t’Awissu tas-sena 2006;

6. Illi meta waslet id-data pattwita indikata fil-paragrafu precedenti s-sitwazzjoni fattwali kienet ghadha ma nbilitx stante li s-socjeta’ konvenuta lanqas biss kienet hadet l-irham involut fil-post fejn kellu jitwahhal;

7. Illi meta l-attrici talbet informazzjoni fir-rigward mis-socjeta’ konvenuta, kienet infurmata li fil-fatt l-irham mixtri minnha kien ghadu lanqas wasal Malta;

8. Illi in vista tal-premess, l-attrici talbet li tinghata lura d-depozitu minnha gia' mhallas;

9. Illi in effetti l-istess socjeta' konvenuta kienet ukoll ipproponiet li tirrifondi dan l-ammont lura lill-attrici, izda bil-kundizzjoni li dan ikun ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni li l-attrici jista' jkollha fil-konfront ta' l-istess socjeta' – haga li giet immedjatament rifjutata mill-attrici u c-"cheque" moghti gie mmedjatament irritornat lir-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta;

10. Illi oltre l-pagament ta' l-ammont depozitat, l-attrici qed tippretendi wkoll is-segwenti:

i. L-ammont ta' mija u tmenin Lira Maltin, (LM180.00,0), ghal caqlieq ta' bibien li kellu jsir minhabba x-xoghlijiet ta' l-irham li kellu jsir;

ii. L-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (LM233.33,0), imghax fuq l-erbat elef, (LM4,000.00,0), depozitati mas-socjeta' konvenuta, mid-data ta' meta gie affettwat il-pagament de quo sad-data tar-rikors promotur li ta' bidu ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni fuq esposta hi konfutata mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li minn naha tieghu isostni in sintesi, is-segwenti:

1. Illi s-socjeta' konvenuta kienet gia' hadmet xi xoghlijiet lill-attrici u dan, ghas-sodisfazzjon ta' l-istess attrici;

2. Illi ghalkemm l-attrici kienet regghet inkarigat lis-socjeta' konvenuta biex terga' taghmlilha xoghol iehor f'appartament differenti, dan gie disdett mill-attrici;

3. Illi anke ddahhlu l-pulizija, u s-socjeta' konvenuta kienet lesta tirritorna d-depozitu t'erbat elef Lira

Maltin, (LM4,000.00,0), lill-attrici ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni;

4. Illi s-socjeta' konvenuta ssuppliet lill-attrici b'xoghol ammontanti ghal mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM175.00,0), u silifha wkoll diska biex jinqata' l-irham li tiswa madwar sittin Lira Maltin, (LM60.00,0);

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

1. Illi s-socjeta' konvenuta intrabtet li tpoggi l-irham in dizamina fl-appartament ta' l-attrici;

2. Illi l-istess socjeta' intrabtet ukoll li taghmel dan f'data pattwita bejn il-partijiet li kienet giet sussegwentement disdetta u sostitwita;

3. Illi in vista tal-premess l-attrici hallset depozitu t'erbat elef Lira Maltin, (LM4,000.00,0), lis-socjeta' konvenuta;

4. Illi a bazi tad-dati lilha moghtija l-attrici ghamlet xi xoghlijiet strutturali biex tiffacilita x-xoghlijiet li kellhom isiru mis-socjeta` konvenuta;

5. Illi nonostante dan kollu u nonostante l-assikurazzjonijiet moghtija mis-socjeta' konvenuta, din baqghet inadempjenti;

6. Illi l-allegazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li kienet l-attrici li tterminat ir-relazzjoni bejniethom inutilment ma ssibx il-konfort ta' din il-qorti li qed tiskartha;

7. Illi hi sodisfatta li l-attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirespingi l-eccezzjonijiet kollha dedotti mis-socjeta' konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Bottega del Marmista Limited biex thallas lill-attrici Margaret Falzon l-ammont ta' erbat elef, erba' mija u tlettax –il Lira Maltin, (LM4413.00,0), ekwivalenti ghal ghaxart elf, mitejn, disa` u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu, (€10,279.52,0), kif indikat fir-rikors promotur;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------